# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tat-Tmintax il-laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Viċi-Sindku Josef Azzopardi infurmah bil-miktub li ma setax jattendi minħabba li kien ma jiflaħx filwaqt li l-Kunsillier Jean Paul Zammit infurmah ukoll li ma setax jattendi minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li kemm l-Viċi-Sindku Josef Azzopardi kif ukoll l-Kunsillier Jean Paul Zammit ikunu skużati.

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sittax-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrimarka li fir-rigward tal-Bank tal-hwejjeġ, il-Kunsill avviċina lill-kuntrattur li qed jagħti dan is-servizz f'lokalitajiet oħrajn u aċċetta li jagħmel tnejn. Is-Sindku s-Sur Francis Debono issuġġerixxa li dawn isiru fi Triq Qormi/ Isourd Street u fit-Triq tas-Salib. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill, li huwa flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-kumpanija li bagħtet il-proposta dwar servizz ta' CCTV. Huwa spjega li

dan is-servizz huwa wieħed professjonali u li jipproponi li wara li jintbagħtu avviżi fid-djar li l-Kunsill se jibqa' jkollu dan is-servizz ta' CCTV madwar il-lokalita, imbagħad jibda' dan is-servizz għal ħabta ta' Jannar wara li tkun saret l-kampanja ta' informazzjoni. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ippropona biex malli tibda din is-sistema, min jinqabad jabbuża għandu jieħu ammonizzjoni qabel ma jittieħdu passi. Il-Kunsill qabel unanimament, li meta jkun każ ta' ħruġ ta' borża ta' skart għandha tintbagħat ittra lil min jinqabad bħala *Warning* u li jekk jerġa jirrepeti dan jeħel il-multa skont il-liġi, iżda jekk ikun każ ta' ddampjar il-Kunsill jipproċedi mingħajr pre-avviżi oħrajn.

3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa li hemm problema taħt l-arkata fil-ġnien ta' taħt il-Kunsill, fejn waqgħu xi partijiet minnha u li l-ispiża involuta biex tiġi rranġatha hija ta' Eur400. Il-Kunsill approva l-ispiża.

3.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar fl-inawgurazzjoni tal-monument li jfakkar il-Ħidma Franġiskana fil-Marsa, li se ssir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru fis-7.30pm.

3.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar fil-programm ta' attivitajiet li se jsiru fl-okkażjoni tal-10 Anniversarju mill-ġemellaġġ ma' Bridgewater. Il-programm huwa dan:

- L-Erbgħa 26 t' Ottubru 2016 fis-sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm) - Laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill ma l-Għaqdiet tal-Lokal
- Il-Ġimgħa 28 t'Ottubru 2016 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00am) – Żjara fl-Iskola Primarja
- Il-Ġimgħa 28 t' Ottubru 2016 fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm) – Riċeviment fl-Uffiċċju tal-Kunsill
- Is-Sibt 29 t'Ottubru 2016 fl-għaxra ta' filgħodu (10.00am) – Ħarġa Kulturali
- Is-Sibt 29 t' Ottubru 2016 fit-tmienja ta' filgħaxija (8.00pm) - Ikla fl-Ordinance Pub , Valletta
- Il-Ħadd 28 t'Ottubru fid-disgħa w nofs ta' filgħodu (9.30am) – Żjara lill-Għaqdiet

Il-Kunsill approva unanimament l-programm kif ukoll li l-Kunsill iħallas tat-trasport neċessarju.

## 4. *Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mid- 29 ta' Settembru 2016 sad-19 ta' Ottubru 2016.*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Kumitat tal-Marsa Trinity AFC fejn qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam fil-kalendarju għas-sena 2017. Ir-reklam jiswa mitt ewro (€100). Il-Kunsill Lokali approva unanimament.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Għaqda Storika Kulturali li fl-okkazzjoni tal-15 il-sena anniversarju qed tistieden lill-Kunsill għal attivita li tikkonsisti fi thawwil ta' siġra fil-Ġnien 6 t'Awissu nhar il-Ħadd 23 t'Ottubru fl-10.00am. Apparti hekk l-Għaqda storika aċċettat l-istedina tal-Kunsill u jixtieq【 jiltaqu mar-raprezentanti ta' Bridgwater.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Greenpak fejn infurmaw lill-Kunsill li l-kampanja edukattiva bieb bieb tlestiet u li fil-ġranet li ġejjin se jkunu qed jimmoniterjaw fejn ikun hemm min joħroġ il-borża s-sewda fil-ġurnata tat-Tlieta u jkellmuhom biex jkomplu jedukaw.

4.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar proċedura fir-rigward tat-tħaddim tal-Facebook uffiċjali tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li malli l-websajt tal-Kunsill tkun lestha jiġi mniedi l-facebook uffiċjali li għandu jsegwi l-linji gwida mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## *5. Schedule of Payments 10/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## *6. Purchase Order 4287 - 4296*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4287 sa 4296 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 3261 - 3270*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3261 sa 3270 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Financial Quarterly Report : Lulju – Settembru 2016*

8.1 Is-Sindku Francis Debono spjega li dan ir-rapport għadu ma tlestiex mill-Accountant tal-Kunsill u se jkun qed jinġieb għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 9. *Cinema Day għall-familja kollha*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa sabiex din l-attivita' li hija parti mill-kalendarju tal-Kunsill u li tiġi organizzata fi żmien il-festi tal-Milied, tkun miftuħa għall-familja kollha fejn iżda l-ħlas tal-adulti jsir mill-adulti stess filwaqt li l-Kunsill joffri t-trasport għall-kulħadd.

9.2 Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku.

## 10. *Użu tal-Bini tal-Kunsill għal Ċentru tal-Anzjani ta' matul il-jum.*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li wara li ġie mistieden flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa mas-Segretarjat Parlamentari tal-Kura tal-Anzjani, dawn ipproponew biex jinfetaħ Ċentru tal-Anzjani ta' matul il-jum fil-bini tal-Kunsill darbtejn fil-ġimgħa.

10.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono issuġġerixxa biex il-Kunsill jagħmel ftit riċerka dwar jekk l-anzjani jkunux interessati li jattendu dan iċ-Ċentru sabiex ma jkunx hemm riskju li dan isir u minħabba nuqqas ta' attendenza jwaqqfuh.

10.3 Il-Kunsill qabel unanimament biex jintużaw il-mezzi kollha disponibbli biex isir kuntatt mal-anzjani fosthom f'okkażjonijiet bħalma hija t-titqiba tal-influwenza u anke permezz tal-Parroċċi sabiex il-Kunsill jieħu ftit idea dwar jekk isir dan iċ-ċentru jkunx hemm anzjani li jagħmlu użu minnu.

## 11. *Devoluzzjoni tal-Berġa ta' fejn l-Għassa*

11.1 Is-Sindku Francis Debono ippropona biex il-Kunsill Lokali jressaq talba lill-Ministeru tas-Saħħa sabiex din il-Berġa jsirilha xogħol ta' tisbiħ u mbagħad devoluta lill-Kunsill Lokali kif sar f'lokalitajiet oħrajn.

11.2 Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għaldaqstant għandu jiġi avviċinat il-Ministeru tas-Saħħa sabiex tiġi diskussa din il-proposta f'aktar dettall.

## 12. *Armar tal-Milied fi Triq Prinċep Bertu*

12.1 Is-Sindku Francis Debono informa lill-Kunsill li din it-triq is-soltu kien ikollha l-armar tal-Milied armat mill-persuna li kient tieħu ħsieb il-Knisja ta' Albertown. Peress li din il-persuna m'għadiex hemm allura dan l-armar mhux se jsir. Fiċ-ċirkostanzi, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona biex l-Kunsill jieħu ħsieb li jarma bid-dawl tal-Milied din it-triq ukoll billi jgħid lill-kuntrattur tal-Kunsill biex jieħu ħsiebha wkoll.

12.2 Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u se jkun qed jipprova biex d-dawl ikun imqabbad ma' xi kumpanija fil-viċinanzi billi tipprovdi d-dawl jew mill-Knisja stess.

## *13. Diviżorji għas-Sala tal-Kunsill*

13.1 Is-Sindku Francis Debono informa lill-Kunsill li fid-dawl tal-possibilta' li l-bini jista' jkun użat bħala Ċentru ta' matul il-Jum għall-anzjani kif ukoll minħabba li qed jintuża għall-bosta korsijiet, huwa qed jipproponi biex isiru diviżorji kemm fis-sular t'isfel u fis-sular tal-uffiċċini biex il-bini jkun jista' jintuża aħjar mingħajr ma jaffettwa l-operat tal-Kunsill.

13.2 Il-Kunsill unanimament qabel biex iqabbad lill-perit tal-Kunsill sabiex jipprepara d-disinji ta' kif jistgħu isiru dawn id-diviżorji ħalli jitressaqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex tinħareġ sejħa tal-offerti.

## *14. Proġett ta' Triq Azzopardi ma' Triq Diċembru 13*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq quddiem il-Kunsill sabiex isir proġett ta' tisbiħ billi jsir passaġġ fi Triq Azzopardi minn mat-taraġ li bħalissa jinsab imkisser u bla dawl li jibqa' sejjer sal-enratura tal-Gnien fi Triq Diċembru 13.

14.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li dan il-passaġġ għandu jsir bil-konkos u jsir dawl (low level lighting) u ssir talba lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex ikun iffinanzjat mill-Urban Improvement Fund.

14.3 Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

## *15. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

15.1 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ressaq ritratti ta' vanniijiet iħottu f'nofs ta' Triq fi Trqi Fra Diegu, sabiex dawn ir-ritratti jiġu mogħtija lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-laqgħa li għandha ssir miegħu. Il-Kunsill innota li din l-illegalita' qed isseħħ f'diversi żoni oħrajn fosthom anke fi Triq l-Iskola. Il-Kunsill qabel unanimament li jressaq dawn il-każijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija u qabel ukoll sabiex jgħaddihom lill-LESA ħalli tieħu passi.

15.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ippropona biex il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti sabiex isiru dustbins f'kull triq tal-lokalita' kollha. Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrimarka li dan mhuwiex possibli minħabba li joħloq problemi ta' loġistika fejn isiru dawn id-dustbins peress li ħadd mir-residenti ma jkun iridhom quddiemu. Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li dan jista' jagħti lok ta' aktar abbużi għaliex fejn ikollok bins jibda' jintefa' numru ta' skart mad-dawra tagħhom. Madanakollu, s-Sindku s-Sur Francis Debono qabel li jitpoġġew bins fejn hemm il-ħwienet (sakemm tal-ħwienet jaċċettaw li jbattluhom huma) peress li hemm ġenerazzjoni ta' skart frekwenti.

## *16. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>*

16.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 2 ta' Novembru 2016 fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u ħamsa ta' filgħaxija (8.05pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Francis Debono | Edward Spiteri Audibert |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

2 ta' Novembru 2016